2024/1960

15.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1960

tal-15 ta' Lulju 2024

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2020/1998 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2020/1998.

(2) Fit-8 ta' Diċembru 2020, fid-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom lejn il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jenfasizza d-determinazzjoni tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-rwol tagħha fl-indirizzar ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Il-kisba tat-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem minn kulħadd hija għan strateġiku tal-Unjoni. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huwa valur fundamentali tal-Unjoni u tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha.

(3) Fid-dikjarazzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli enfasizza t-tħassib tal-Unjoni dwar iż-żieda fil-vjolenza kontra l-Palestinjani minn abitanti ta' insedjamenti estremisti fix-Xatt tal-Punent okkupat, li laħqet livelli mingħajr preċedent. L-Unjoni kompliet ittenni l-kundanna qawwija tagħha tal-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti u appellat għar-responsabbiltà. L-Unjoni appellat ukoll lill-Iżrael biex jipprevjeni l-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti u jiżgura li l-awturi tar-reati jinżammu responsabbli. Mill-attakki terroristiċi tal-Ħamas kontra Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023 'l hawn, il-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti żdiedet drastikament.

(4) Fid-dikjarazzjoni konġunta tagħhom tal-20 ta' Mejju 2024 dwar l-attakki fuq l-infrastruttura medika u ċivili f'Gaża u fix-Xatt tal-Punent, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissarju għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet irreferew għat-tbatija tal-popolazzjoni ċivili f'Gaża bħala traġedja umana u esprimew it-tħassib serju tal-Unjoni. Huma tennew l-appelli tagħhom għal waqfien mill-ġlied immedjat, il-ħelsien mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha, u aċċess umanitarju sħiħ.

(5) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li ħames persuni u tliet entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/1998.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/1998 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/1998 huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

NAGY I.

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/1998 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"110.	Moshe SHARVIT	משה שרביט (ortografija Ebrajka)	Data tat-twelid:13.11.1994 Nazzjonalità: Iżraeljana Sess: raġel Numru tal-ID: 206223000 Indirizz: Tirzah Valley Farm outpost, West Bank, Occupied Palestinian Territories Entitajiet assoċjati: Moshe's Farm	Mohe Sharvit huwa insedjatur Iżraeljan fil-Wied tal-Ġordan, li jgħix f'insedjament qrib villaġġ, imsejjaħ 'Tirza Valley Farm', u magħruf ukoll bħala 'Moshe's Farm'. Moshe Sharvit huwa involut fi vjolenza u theddid tal-abitanti tal-insediamenti fil-konfront tar-residenti Palestinjani f'komunitajiet ta' rgħajja qrib l-insedjament tiegħu fuq l-għoljiet fix-Xatt tal-Punent. Il-fastidju tiegħu kontra dawk il-komunitajiet żdied minn Ottubru 2023. Mohe Sharvit spiss iffastidja lill-Palestinjani b'mod verbali u fiżiku, u ordnalhom li jħallu djarhom u l-proprjetajiet tagħhom. F'Ottubru 2023, dik l-imġibawasslet biex ċivili Palestinjani ħarbu mill-villaġġ tagħhom ta' Ein Shibli. Huwa uża lingwaġġ ta' theddid kontra irġiel, nisa u tfal Palestinjani u attakka fiżikament persuna anzjana. L-atti tiegħu jinkludu t-tfiegħ ta' ġebel lill-Palestinjani u l-bhejjem tagħhom, is-sewqan intenzjonat f'merħliet u għelieqi kkultivati, l-iskjerament ta' klieb biex jattakkaw liil-Palestinjani u l-bhejjem tagħhom, u abbuż fiżiku tal-annimali permezz ta' lembubi u frosti. Għalhekk, Moshe Sharvit huwa responsabbli għal abbużi serji u sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż abbuż tad-dritt ta' kulħadd għat-tgawdija tal-ogħla standard possibbli ta' integrità fiżika u mentali. Dawk l-abbużi huma wkoll ta' tħassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	15.7.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
111.	Zvi BAR YOSEF magħruf ukoll bħala Zvi BAR-YOSEF		Data tat-twelid: 20.9.1992 Nazzjonalità: Iżraeljana Sess: raġel Numru tal-ID: 204377998 Entitajiet assoċjati: Zvi's Farm	Zvi Bar Yosef stabbilixxa l-insedjament mhux awtorizzat magħruf bħala 'Zvi's Farm' fix-Xatt tal-Punent, fil-Lvant tal-insedjament ta' Halamish. L-insedjament okkupa madwar 2 500 dunams / 620 ettaru li ġew ikkultivati mill-irħula ta' Jibya, Kaubar (Kobar) u Umm Safa. Fl-2019, 2021 u 2023, Zvi Bar Yosef ripetutament attakka u wettaq atti ta' vjolenza kontra l-Palestinjani minn dawk l-irħula, li kkawżaw korrimenti serji lil xi whud minnhom. Għalhekk, Zvi Bar Yosef huwa responsabbli għal abbużi serji u sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż abbużi tad-dritt għall-integrità fiżika u mentali, id-dritt għall-proprjetà u d-dritt għall-ħajja privata u tal-familja. Dawk l-abbużi, huma wkoll ta' tħassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	15.7.2024
112.	Isaschar MANNE magħruf ukoll bħala Issachar MANN	ישששכר מן (Ortografija Ebrajka)	Data tat-twelid: 10.5.1983 Nazzjonalità: Iżraeljana Sess: raġel Numru tal-ID: 038826939	Isaschar Manne, li li stabbilixxa l-insedjament mhux awtorizzat Manne Farm fl-Għoljiet ta' Ħebron tan-Nofsinhar, ripetutament invada artijiet privati tar-residenti tal-villaġġ ta' Ta'ala u żamm lill-Palestinjani milli jiċċaqilqu liberament, pereżempju billi żamm lit-tfal Palestinjani milli jaslu fl-iskola tagħhom f'Tuba, Masafer Yatta. Mill-2018 'l hawn, kien hemm diversi rendikonti ta' Isaschar Manne jidħol fid-djar tar-rgħajja u jheddidhom u jiffastidjahom. Manne, li ħafna drabi huwa armat, waqqaf lir-rgħajja Palestinjani milli jaċċessaw il-mergħat tagħhom, u b'hekk ċaħħadhom mill-possibbiltà li jikkultivaw l-art tagħhom u jipprovdu għall-ħtiġijiet tagħhom. Għalhekk, Isaschar Manne huwa responsabbli għal abbużi serji u sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż abbużi tad-dritt għall-proprjetà, id-dritt għall-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-edukazzjoni. Dawk l-abbużi huma wkoll ta' tħassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	15.7.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
113.	Baruch MARZEL		Pożizzjoni(jiet): Membru ta' Otzma Yehudit Data tat-twelid: 23.4.1959 Post tat-twelid: Boston, USA Nazzjonalità: Amerikana, Iżraeljana Sess: raġel Indirizz: Tel. Rumeida settlement, Hebron, Occupied Palestinian Territories	Baruch Marzel huwa membru tal-partit politiku tal-lemin estrem 'Otzma Yehudit', li jirrappreżenta waħda mill-aktar ideoloġiji estremisti tal-Iżrael, u huwa parti mill-moviment Kahanist. Fis-snin 90, kien il-mexxej tal-partit Kahane sakemm ġie pprojbit mill-awtoritajiet Iżraeljani fl-1994. Fl-2019, Baruch Marzel ġie pprojbit mill-Qorti Suprema Iżraeljana milli joħroġ għall-elezzjonijiet parlamentari għaxl il-qorti sabet li kien għamel bosta rimarki razzisti. Baruch Marzel jappella għall-ħolqien ta' Iżrael Akbar fejn il-Palestinjani ma jkollhomx post. Huwa jappella apertament għal tindif etniku tal-Palestinjani u jiċħad id-dritt tal-Palestinjani għal arthom stess. Għalhekk, Baruch Marzel huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-promozzjoni sistematika tal-mibegħda nazzjonali, razzjali jew reliġjuża, li tikkostitwixxi inċitament għad-diskriminazzjoni, l-ostilità jew il-vjolenza. Dawk l-abbużi huma wkoll ta' ħassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	15.7.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
114.	Ben-Zion 'Bentzi' GOPSTEIN	ציון גופשטיין (Ortografija Ebrajka)	Pożizzjoni: fundatur u mexxej ta' Lehava Data tat-twelid: 10.9.1969 Nazzjonalità: Iżraeljana Sess: raġel Numru tal-ID: 024526394 Indirizz: Givat HaAvot, Kiryat Arba, Occupied Palestinian Territories Entitajiet assoċjati: Lehava	Ben-Zion 'Bentzi' Gopstein, li jgħix fl-insedjament ta' Kiryat Arba (ix-Xatt tal-Punent), huwa l-fundatur u l-mexxej tal-organizzazzjoni estremista 'Lehava', spin-off mill-moviment Kahanist, bl-għan li 'tiġġieled l-assimilazzjoni fl-Art Imqaddsa'. Ben-Zion 'Bentzi' Gopstein jippromwovi viżjoni li tiċħad id-drittijiet tal-Palestinjani kollha u jappella għat-tmiem tal-preżenza Palestinjana f'Iżrael u fit-Territorji Palestinjani. Ben-Zion 'Bentzi' Gopstein appella apertament għal gwerra kontra l-Palestinjani. Huwa ġie pprojbit mill-Qorti Suprema Iżraeljana milli joħroġ għall-elezzjonijiet ta' Knesset tal-2019 minħabba li huwa 'jinċita sistematikament ir-razziżmu kontra l-pubbliku Għarbi'. Għalhekk, Ben-Zion 'Bentzi' Gopstein huwa responsabbli għal abbużi serji u sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem li jikkonsistu fil-promozzjoni tal-mibegħda nazzjonali, razzjali jew reliġjuża, li tikkostitwixxi inċitament għad-diskriminazzjoni, l-ostilità jew il-vjolenza. Dawk l-abbużi huma wkoll ta' ħassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	15.7.2024"

(2) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"29.	Moshe's Farm magħrufa wkoll bħala Tirza Valley Farm Outpost	החווה של משה (Ortografija bl-Ebrajk)	Indirizz: West Bank, Occupied Palestinian Territories Data tar-reġistrazzjoni: 2021 Individwi assoċjati: Moshe Sharvit	Moshe's Farm huwa proprjetà tal-abitant ta' insedjament Iżraeljan Moshe Sharvit, u ġie mwaqqaf minnu fl-2020. Moshe Sharvit huwa involut fi vjolenza u theddid mill-abitanti tal-insedjamenti fil-konfront tar-residenti Palestinjani f'komunitajiet ta' rgħajja qrib l-insedjament fix-Xatt tal-Punent. Moshe's Farm huwa insedjament illegali li jinsab madwar 1,5 kilometru fix-Xlokk tal-insedjament ta' Hamra, fix-Xatt tal-Punent. Moshe's Farm espanda minn mindu twaqqaf, u bħalissa jinkludi diversi binjiet residenzjali, lukanda għall-vjaġġaturi u kumpless għal avvenimenti. Il-lukanda tista' takkomoda sa 100 persuna, u l-binjiet kollha ġew stabbiliti mingħajr permessi u għalhekk huma illegali. Sa mit-twaqqif ta' Moshe's Farm, kien ċentru ta' vjolenza u fastidju kontra l-komunitajiet ta' rgħajja Palestinjani u kien il-bażi minn fejn Moshe Sharvit u r-residenti l-oħra tal-azjenda agrikola iwettqu vjolenza u fastidju kontra l-Palestinjani. Għalhekk, Moshe's Farm huwa entità assoċjata ma' Moshe Sharvit, elenkat għal abbużi serji u sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż abbuż tad-dritt ta' kulħadd għat-tgawdija tal-oġħla standard possibbli ta' integrità fiżika u mentali. Dawk l-abbużi huma wkoll ta' tħassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	15.7.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
30.	Zvi's Farm	החווה של צב (Ortografija bl-Ebrajk)	Indirizz: Halamish, West Bank, Occupied Palestinian Territories Individwi assoċjati: Zvi Bar Yosef	Zvi's Farm huwa insedjament tal-biedja illegali u mhux awtorizzat fit-territorju Palestinjan, qrib Halamish, fix-Xatt tal-Punent. Zvi's Farm jinsab f'medda tax-Xatt tal-Punent, taħt kontroll militari Iżraeljan sħiħ u tospita residenti Palestinjani. Zvi's Farm huwa operat minn Zvi Bar Yosef, li juża l-insedjament bħala bażi li minnha huwa jwettaq vjolenza kontra r-residenti Palestinjani u jipprevjeni lill-bdiewa Palestinjani milli jaċċessaw u jużaw l-artijiet tagħhom. L-insedjament okkupa madwar 2,500 dunams / 620 ettaru li ġew ikkultivati mill-irħula ta' Jibya, Kaubar (Kobar), u Umm Safa. Fl-2019, 2021 u 2023, Zvi Bar Yosef ripetutament attakka u wettaq atti ta' vjolenza kontra l-Palestinjani minn dawk l-irħula, li kkawżaw korrimenti serji lil xi whud minnhom. Għalhekk, Zvi's Farm huwa entità assoċjata ma' Zvi Bar Yosef„ elenkata għal abbużi serji u sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż abbużi tad-dritt għall-integrità fiżika u mentali, id-dritt għall-proprjetà u d-dritt għall-ħajja privata u tal-familja. Dawk l-abbużi huma wkoll ta' thassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	15.7.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
31.	Tzav 9 magħruf ukoll bħala Tsav 9; Order 9		Sit web: https://www.tzav9.co.il/faq/	Tzav 9 huwa grupp Iżraeljan ta' attivisti vjolenti mwaqqfa b'mod konġunt f'Jannar 2024 minn Reut Ben Haim u Aviad Shlomo Sarid. Reut Ben Haim u Yossef (Sefi) Ben Haim bħalissa jmexxu l-grupp. Skont is-sit web tiegħu, iż-żewġ missjonijiet ewlenin ta' Tzav 9 huma li jimblokka trakkijiet tal-provvista li jwasslu għajnuna umanitarja, inkluż l-ikel, l-ilma u l-fjuwil, lejn Gaża; u, li jagħmel ħsara lil-leġittimità tal-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib f'Iżrael. Minn Jannar 2024, Tzav 9 imblokka regolarment trakkijiet tal-għajnuna umanitarja. Fit-18 ta' Jannar 2024, il-grupp wettaq l-ewwel imblokki ta' kunsinni ta' għajnuna f'Kerem Shalom. Fit-13 ta' Mejju 2024 fil-punt ta' kontroll ta' Tarqumiyah, Tzav 9 ħa sehem fi protesta vjolenti kontra sewwieq ta' trakk. Fis-16 ta' Mejju 2024 f'Binyamin, Tzav 9 kien involut f'attakk kontra trakk tal-ikel. Inċidenti oħra seħħew, inter alia, fiż-żoni ta' Kerem Shalom u Nitzana. L-azzjonijiet imwettqa jinkludu protesti vjolenti, attakki kontra trakkijiet tal-ikel u l-qerda tal-ikel. Dawk l-azzjonijiet ikkontribwew aktar għas-sitwazzjoni diġà mwiegħra tal-popolazzjoni ċivili f'Gaża. Għalhekk, Tzav 9 huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-abbuż tad-dritt ta' kulħadd għat-tgawdija tal-ogħla standard possibbli ta' integrità fiżika u mentali. Dawk l-abbużi huma wkoll ta' ħassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	15.7.2024"